Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1510/96

United Acceptance Finance Limited
Vs
Noel Friggieri

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut biex ihallas is-somma ta' mija u tletin liri Maltin u tmenin centezmi u hames millezmi (Lm131.80c5) bilanc minn somma akbar, import ta' kambjali mill-konvenut iffirmati u accettati (Dok 1 sa Dok 2 annessi mal-avviz), liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-allegazzjoni avvanzata mis-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u li z-zewg kambjali in kwistjoni gew debitament imhallsa mill-konvenut.

2. Illi ghalhekk it-talbiet tas-socjeta' attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat in-nota ta' riduzzjoni tal-attur fejn irriduca s-sorte ghas-somma ta' tnejn u hamsin lira u tmenin centezmu u hames millezmi (Lm52.80c5) stante pagament fil-mori tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut hija bbazata fuq il-fatt illi huwa kien accetta u ffirma tnejn u erbghin (42) kambjala ghall-ammont unitarju ta' disgha u sebghin Liri Maltin (Lm79) li kellhom jiskadu konsekuttivament kull dsatax (19) tax-xahar bl-ahhar wahda timmatura fid-19 ta' Mejju 1995, u illi dawn il-kambjalijiet kollha gew imhallsa permezz ta' depositi regolari fil-kont kurrent bankarju tal-atturi, mghamulin mill-Bank tieghu fuq struzzjonijiet tieghu.

In sostenn ta' dan ipprezenta l-istatements relattivi ghall-kont tieghu mal-Bank of Valletta Limited fejn jirrizulta ppruvat illi l-istess kont kien qed jigi addebitat.

Jirrizulta li dawn it-tnejn u erbghin (42) kambjala li skadew konsekuttivament kull xahar kellhom jibdew jithallsu fid-19 ta' Dicembru 1991 meta it-tnejn u erbghin (42) wahda kienet immaturat fid-19 ta' Mejju 1995, u jirrizutla illi d-differenza bejn il-konteggi tal-attur u dawk tal-konvenut hija llum ikkoncentrata fuq l-imghax zejjed li gie addebitat lill-konvenuti stante pagamenti tardivi. Dan ghaliex mill-istatement tal-kont bankarju tal-konvenut jirrizulta li fil-fatt ghamel it-tnejn u erbghin (42) pagamenti, anzi bl-ahhar wiehed zejjed bi hmistax –il lira (Lm15).

Ghalhekk il-pretensjoni tal-Bank tirrisolvi ruhha f'talba ghal dawk l-imghaxijiet dovuti lilhom stante pagamenti tardivi maghmula mill-konvenut li jirrizultaw kemm minhabba illi l-pagamenti bdew xahar tard kif ukoll minhabba illi wahda mill-kambjalijiet giet maqbuza u kambjala minnhom thallset fil-mori ta' din il-kawza.
Il-konvenut pero' jikkontendi wkoll li lanqas m'ghandu jigi addebitat ghall-dawn l-imghaxijiet billi huwa jsostni li l-istruzzjonijiet li kien ta lill-Bank tieghu kienu precizi u li l-

kambjalijiet kollha kellhom jithallsu kif fil-fatt gew imhallsa kull sittax (16) jew sbatax (17) tax-xahar ghalhekk fi zmien utili.

Huwa jippretendi illi anke jekk il-Bank tieghu qabez xi pagament jew ghamel xi pagament zbaljat li spicca ghand terzi, hu m'ghandux jigi tenut responsabbli ghal dan in-nuqqas di pronte l-atturi.

Izda dan ma huwiex korrett. Infatti l-Bank tal-konvenut ikun qed jaghmel il-pagament ghan-nom u fl-interess tieghu esklussivament u hija dejjem responsabbilta' tal-konvenut illi josserva l-obbligazzjonijiet tieghu mal-atturi, li m'ghandhom qatt xi relazzjonijiet mal-Bank tal-konvenut.

Il-konvenut ghalhekk huwa tenut li jirrispondi ghan-nuqqasijiet kollha tal-Bank tieghu li jkunu qed jagixxu ghan-nom u fl-interess tieghu.

Il-konvenut ghalhekk irid jirrispondi ghall-fatt li l-ewwel hlas ta' l-ewwel kambjala kien tardiv b'xahar u li ghalhekk fuq kapital ta' tlett elef tlett mija u tlett liri (Lm3303) dan jimporta imghax ta' tnejn u ghoxrin lira (Lm22), ghall-pagament maqbuz tad-19 ta' Jannar 1994 li fuq kapital ta' dak inhar ta' elf erba' mija u tnejn u ghoxrin lira (Lm1422) jimporta imghax ta' disa' liri (Lm9) u ghall-pagament tardiv ta' disgha u sebghin lira (Lm79) li minflok sar fid-19 t'Awissu 1993 sar fil-11 ta' Gunju 1997 u li jimporta imghax zejjed ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25) . Total ghalhekk ta' sitta u hamsin lira (Lm56) li ghalihom irid jirrispondi l-konvenut izda irid jigi akkreditat bil-pagament zejjed li diga' ghamel ta' hmistax –il lira (Lm15).

Ghalhekk huwa l-ammont ta' wiehed u erbghin lira (Lm41) li ghalih ghandu jirrispondi l-konvenut salv kull dritt tieghu fil-konfront tal-bank tieghu ghar-risarciment tad-danni minnu sofferti.
Ghalkemm l-atturi qed jippretendu imghaxijiet ulterjuri dawn ma gewx iggustifikati billi jirrizulta li l-kont tal-konvenut kien ikun addebitat fil-hin u jekk l-atturi jippretendu li l-kont taghhom kien qed jigi akkreditat tardivament kien jispetta lilhom li jipprezentaw l-istatements relattivi u kellhom ukoll jeliminaw xi responsabbilta' tal-bank taghhom.

Ghaldaqstant tilqa' t-talba attrici limitatament billi tikkundanna

lill-konvenut li jhallas lill-atturi s-somma ta' wiehed u erbghin lira ghas-saldu tal-pretensjonijiet attrici kif dedotti fl-avviz u bl-imghaxijiet ulterjuri b'effett mill-20 ta' Dicembru 1996.

Wara li hadet konjizzjoni tal-pagament ta' disgha u sebghin lira (Lm79) mghamul mill-konvenut fil-mori tal-kawza tordna li l-ispejjez kollha ikunu a kariku tieghu.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg